**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI ĠENERALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH**
**B.A., LL.D., MAG. JUR. (EUR LAW)**

**Rikors Ġuramentat Numru 125/2023 SG**

**Paul Micallef**
**eżerċitanti l-kummerċ taħt**
**l-isem Tatara Bathrooms**

**Vs**

**Robert Tabone u George Sciberras**
**eżerċitanti l-kummerċ taħt**
**l-isem Casa Mia**

**Illum, 10 ta' Jannar 2025**

**Il-Qorti;**

**Rat** ir-rikors tal-attur ippreżentat fit-22 ta' Novembru 2023, li permezz tiegħu ppremetta illi:

*Illi l-intimati huma debituri ċerti, likwidi u dovuti tas-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' tnejn u tletin elf, mija u sebgħa u sebgħin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€32,177.94) rappresentanti bilanċ tal-prezz ta' mobbli mibjugħa u kkonsenjati lill-intimati. Dan kif jirriżulta mill-prospett anness Dok TB;*

*Illi parti mill-fuq imsemmi ammont suppost tħallas permezz ta' cheques fl-ammont għaxart elef u ħames mitt Euro (€10,500) li iżda meta l-istess ġew presentati għall-ħlas dawn ma ssarfux. Dok TB1;*

*Illi nonostante interpellat l-intimat baqgħet inadempjenti;*

*Illi għalhekk l-ammont dovut mill-intimati hwa ċert, likwidu u dovut u fil-fehma tar-rikorrenti, l-intimati ma għandhom ebda eċċezzjoni x'jissollevaw kontra l-pagament tal-istess;*

*Illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mill-liġi ai termini ta' Artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta għad-dispensa mis-smiegħ tal-kawża;*

*Jgħidu għalhekk l-intimati l-għaliex, dina l-Qorti ma għandiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u għar-ragunijiet fuq premessi, u in vista ta' l-affidavit ġuramentat u hawn unit (Dok PM);*

1. T*ikkundanna lill-intimati flimkien u solidalment bejniethom iħallsu lir-rikorrenti s-somma ta' tnejn u tletin elf, mija u sebgħa u sebgħin Euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€32,177.94) bl-imgħax minn Awwissu elfejn u tnejn u għoxrin (2022) ossija d-data tal-aħħar transazzjoni; u dana bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikoli 167 et seq tal-Kapt 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Bl-ispejjes tal-presenti kontra l-intimati minn issa inġunti in subizzjoni.*

**Rat** in-nota tal-konvenuti Robert Tabone u George Sciberras ippreżentata fl-14 ta' Diċembru 2023;

**Rat** illi permezz ta' digriet datat 14 ta' Diċembru 2023, il-Qorti awtorizzat lill-intimati jippreżentaw risposta ġuramentata għal din il-kawża;

**Rat** ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Robert Tabone u George Sciberras ippreżentata fit-2 ta' Jannar 2024 fejn ġie eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża u għalhekk jimmeritaw li jiġu lkoll respinti bl-ispejjeż;*

2. *Illi b'mod preliminari huwa sottomess li l-intimati ma għandhom ebda relazzjoni ġuridika mal-attur;*

3. *Illi l-attur qatt ma biegħ u/jew ikkonsenja ebda merkanzija lill-esponenti;*

4. *Illi l-esponenti għandhom id-dokumentazzjoni kollha li turi biċ-ċar kif effettivament l-attur kien jagħmel negozju mas-soċjeta GHR Imports Company Limited bin-numru tal-kumpanija C 50589 u li kienet l-istess soċjeta li kienet iġġestixxi n-negozju magħruf bħala Casa Mia;*

5. *Illi l-istess konvenuti għandhom ukoll id-dokumentazzjoni kollha relattiva minn fejn jirriżulta li l-ebda fattura u/jew delivery note ma kienet indirizzata lilhom personalment kif ukoll għandhom il-lista kollha tal-pagamenti li dejjem saru minn GHR Imports;*

6. *Illi jirriżulta għalhekk li l-konvenuti ma humiex il-leġittimi kontradittturi f'din il-kawża u għaldaqstant għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;*

7. *Illi mingħajr pregudizzju għas-suespost, kwalunkwe ħlasijiet rekalamati mir-rikorrenti jridu jiġu ben ippruvati minnha skont il-ligi;*

8. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.*

**Rat** id-dokumenti kollha eżebiti;

**Rat** li fis-7 ta' Frar 2024, din il-kawża ġiet stradata fis-sens li l-Qorti ser tagħti sentenza waħda finali fir-rigward tal-eċċezzjonijiet kollha mressqa;

**Rat** li fl-1 ta' Marzu 2024, id-difensuri tal-partijiet qablu illi Casa Mia mhijiex kumpanija reġistrata u ma għandhiex personalità ġuridika distinta;

**Semgħet** il-provi prodotti;

**Rat** in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet;

**Rat** li din il-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza in difett t'ostakolo;

**Rat** l-atti kollha ta' din il-kawża;

**Ikkunsidrat:**

**Provi Prodotti**

In succint il-provi prodotti kienu s-segwenti:

**Paul Micallef** xehed li huwa direttur ta' intrapriża li tiġġestixxi negozju taħt l-isem ta' Tatara Bathrooms. Qal li din l-intrapriża biegħet u kkonsenjat diversi oġġetti hekk kif elenkati f' Dok. TB. Qal li Robert Tabone u George Sciberras kienu ħallsu parti mill-ammont permezz ta' żewġ ċekkijiet fl-ammont ta' €10,500 li meta ġew ippreżentati l-bank, ma ssarrfux. Spjega li Robert Tabone u George Sciberras ma għandhomx difiża legittima x'jagħtu u li l-ammont bilanċjali dovut lilu huwa ta' €32,177.94ċ.

**Jeffrey Camilleri** xehed li huwa jaħdem ma' Tatara Bathrooms li huwa negozju mmexxi minn Paul Micallef. Qal li ilu jaħdem hemmhekk għal madwar tletin sena. Spjega li huwa jieħu ħsieb is-sezzjoni kollha tal-madum. Qal li kien ġie avviċinat minn Robert Tabone, u sussegwentement minn George Sciberras, fejn kienu wrew l-interess li jiġu suppliti b'materjal. Ikkonferma li huwa kien anke mar f'ħanut li sussegwentement kien infetaħ fejn il-parking area tar-Rabat, Għawdex bl-isem ta' Casa Mia. Spjega li l-ftehim kien li Tatara Bathrooms tarmalhom ix-showroom b'materjal bħal madum, kmamar tal-banju u aċċessorji oħra. Spjega li n-negozju sar fil-bidu nett ma' Robert Tabone, u imbagħad ma' George Sciberras. Sostna li huwa kien jaf biss lil Casa Mia u li sa fejn jaf hu qatt ma ssemmiet xi kumpanija oħra. Ikkonferma li huwa kien jipprepara l-invoice u din kienet tinħareġ fuq Casa Mia.

Spjega li kwalsiasi negozju kien sar ma' Casa Mia, li kien in-negozju ta' Robert Tabone u George Sciberras. Spjega li dawn kellhom credit terms ta' tletin ġurnata. Stqarr li l-problemi nqalgħu meta ġew mogħtija xi ċekkijiet li ma ssarrfux. Sostna li jista' jkun li dawn iċ-ċekkijiet kien ġie bihom George

Sciberras. Spjega li nonostante li tkellmu ma' entrambi l-intimati, il-flus baqgħu qatt ma waslu. Eżebixxa wkoll l-invoices u statements relattivi. Spjega li meta kienu jitkellmu dwar il-ħlasijiet pendenti, qatt ma ssemma li kien hemm xi kumpanija involuta li kellha tħallas dawn il-pendenzi. Spjega li l-VAT number mogħti kien ingħata minn Robert Tabone, u dan kien neċessarju biex ikun jista' jinfetaħ kont. Sostna li huwa qatt ma vverifika ta' min kien dan il-VAT Number.

In kontroeżami, huwa kkonferma li l-invoices kollha qegħdin fuq Casa Mia, iżda huwa insista li Casa Mia hija mmexxija minn Robert Tabone u George Sciberras. Huwa kkonferma li ċ-ċekk li ma ssarrafx kien maħruġ minn GHR Imports.

**Dr Maria Borg Scicluna in rappreżentanza ta' Malta Business Registry** xehdet li GHR Imports Company Limited ġiet reġistrata fis-7 ta' Settembru 2010 u r-registered address tagħha huwa 59, Saint Ursula Street, ir-Rabat, Għawdex.

**Noel Attard in rappreżentanza tal-VAT Department** xehed li l-VAT Number 20072933 huwa reġistrat fuq GHR IMports Company Limited, u ġie attivat fl-1 ta' Ottubru 2010. Spjega li dan għadu miftuħ.

**John Camilleri in rappreżentanza tal-Lombard Bank** eżebixxa cheque images ta' xi ċekkijiet maħruġa minn GHR Imports Co Limited. Spjega li dawn ma kinux ġew imsarrfa malli ġew ippreżentati. Qal li kien hemm każijiet fejn kienu ntbagħtu lura imma eventwalment kollha kienu ssarrfu.

**Robert Tabone** xehed permezz ta' affidavit fejn spjega li meta huwa ġie avviċinat biex jinvesti f'negozju ta' madum u kmamar tal-banju, huwa kien dejjem għamilha ġara li l-investiment kellu jsir kollu permezz ta' kumpanija limitata. Spjega li infatti fis-7 ta' Settembru 2010 twaqqfet il-kumpanija GHR Imports Company Limited. Dan seħħ fi żmien qabel ma sar ebda tip ta' negozju fil-madum jew kmamar tal-banju. Qal li l-kumpanija applikat ghal numru tal-VAT, u infatti fl-1 ta' Ottubru 2010 ngħatat in-numru MT 20072933. Spjega li imbagħad intgħażel isem għal tali hanut, u ċjoè trading name u infatti l-isem li ntgħażel kien Casamia. Spjega li minn meta nfetaħ l-ewwel hanut fi Triq Ninu Cremona, kwalsiasi korrispondenza kienet issir fuq template tal-ħanut Casamia bl-inklużjoni tan-numru tal-VAT tal-kumpanija GHR Imports Company Limited.

Ikkonferma li anke kull kuntratt ta' kiri ta' ħwienet u ta' mħazen tul is-snin, sar bejn il-kerrej u l-kumpanija GHR Imports Company Limited. Spjega wkoll li GHR Imports Cpmpany Limited kellha kont miftuħ ma' bank lokali proprju għal użu tal-kumpanija. Insista li n-negozju ma' Tatara Bathrooms sar ma' GHR Imports Company Limited. Kull fattura hi indirizzata lil Casamia, u m' hemmx isem tiegħu jew ta' George Sciberras fuqhom. In-numru tal-VAT indikat huwa wkoll dak ta' GHR Imports Company Limited. Sostna li anke ċ-ċekkijiet li ntużaw għal ħlasijiet kienu maħruġa minn GHR Imports Company Limited. Insista wkoll li kwalsiasi korrispondenza b'email li sar ma' Tatara

Bathrooms seħħ permezz ta' email bl-indirizz ghrimports@gmail.com. Sostna li r-relazzjoni bejn GHR Imports Company Limited permezz tal-ħanut Casamia u Tatara bdiet fl-2016 u bejn il-partijiet għaddew mijiet ta' ċekkijiet filwaqt li thallsu mijiet ta' eluf ta' ewro.

Tabone spjega li huwa qatt ma ħeba il-fatt li huwa direttur u azzjonist tal-kumpanija GHR Imports Company Limited. Qal li huwa ma kienx midħla tad-day to day running tal-kumpanija. Qal li l-prassi kienet li l-kumpanija tagħmel payment on account, u mhux taqta' invoice speċifika. Ċahad li qatt kien hemm statement mill-2016 sa Diċembru 2023 li kein hemm ismu jew isem George Sciberras imdaħħal, iżda imbagħad bħala dokumenti ppreżentati l-Qorti, ġie inserit ismu u isem George Sciberras. Kompla jgħid li kien hemm ċekk ta' € 6,500 li ġie debitat darbtejn biex b'hekk flok € 6,500 tħallsu € 13,000.

Sostna li huwa dar il-mamma taċ-ċekkijiet kollha li nħarġu bejn il-11 ta' Frar 2021 u l-5 t'Awwissu 2022, u elenka ċ-ċekkijiet kollha li nħarġu minn GHR Imports Company Limited kif ukoll meta ssarrfu. Spjega li mill-kalkoli li għamel, saru pagamenti żejda u għalhekk qed jirriżerva d-dritt tiegħu li jieħu dawk il-passi legali kolha sabiex jirkupra l-ammonti żejda mħallsa.

In kontroeżami, huwa spjega li f'dan in-negozju hu u George Sciberras kienu bdew iġibu x-xogħol mingħand Tatara Bathrooms. Ikkonferma li huwa ġieli mar laqgħat. Sosnta li fuq l-invoice li tinħareġ mingħand Casamia hemm imniżżel VAT number ta' GHR Imports Company Limited, u kif ukoll l-email ghrimports@gmail.com. Insista li n-negozju sar dejjem u biss taħt il-kumpanija GHR Imports Company Limited. Spjega li l-ħanut Casamia huwa operat minn GHR Imports Company Limited. Stqarr li kwalsiasi pagament dejjem inħareġ minn ċekkijiet ta' GHR Imports Company Limited. Sostna li huwa qatt ma lmenta li l-invoices kienu jinħarġu fuq isem Casamia.

F'kontroeżami ulterjuri, Tabone kkonferma li kien hemm ċekk li ma semmiehx fl-affidavit tiegħu. Sostna li l-investiment tiegħu f'Casamia huwa wieħed minimu, fejn huwa ħareġ biss l-investiment. Insista li Casamia għandha tigbor ammonti mingħand Tatara Bathrooms, u mhux vice versa.

In rieżami, Tabone spjega li kwalsiasi korrispondenza li ġiet skambjata ntbagħtet minn GHR Imports Company Limited, u mhux minn emails personali tal-intimati.

**Ritianne Zammit in rappreżentanza tal-Jobsplus** xehdet li GHR Imports Company Limited għandha tliet impjegati, u ċjoè Akilla Hussein MB, Camilleri Michelle Mary u Sciberras George.

**Ikkunsidrat:**

Permezz ta' din il-kawża, l-attur qiegħed jitlob lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jħallsuh bilanċ ta' prezz li għadu dovut minnhom għal merkanzija mibjugħa lilhom fuq perjodu ta' żmien, kif jirriżulta mill-istatement anness mar-rikors ġuramentat. Il-konvenuti jilqgħu għat-talba tal-attur u jirrispondu illi (i) huma ma għandhom ebda relazzjoni mal-attur, u għaldaqstant ma

humiex il-leġittimi kontradditturi u (ii) l-attur irid jipprova illi l-ammont pretiż huwa realment dovut.

**Eċċezzjonijiet dwar nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet**

Din il-Qorti sejra tibda billi teżamina l-ewwel vertenza li ġiet imressqa quddiemha sa mill-bidu nett ta' dan il-każ, u ċjoè li l-intimati ma għandhom l-ebda relazzjoni ġuridika mal-attur. Meta l-Qorti qieset il-kontenut tar-risposta ġuramentata, osservat li l-eċċezzjonijiet enumerati tnejn sa sitta lkoll jittrattaw l-istess tema — u ċjoè illi l-attur qatt ma kkuntratta mal-intimati; u għaldaqstant huma ma għandhomx jirrispondu għall-pretensjonijiet tiegħu.

Din il-Qorti tissottolinja li l-preżunzjoni legali hija li bniedem jikkontratta għalih innifsu sakemm ma jindikax li qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, it-terz ikun raġonevolment jaf li jkun qiegħed jikkontratta f'isem ħaddiehor. Hekk il-ġurisprudenza tgħallem, illi meta kontraenti ma jiddivulgax lill-kontraenti l-ieħor fil-mument tal-kontrattazzjoni illi n-negozju kien qed jagħmlu f'isem kumpanija, hu preżunt li hu kien qiegħed hekk jikkuntratta f'ismu personali. (Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **Anthony Caruana et v. John Magro et**., Appell, 6 ta' Ottubru 1999).

Il-Qorti tirrimarka li prinċipju iehor bażilari enunċjat f'diversi sentenzi, fosthom dik tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-21 ta' Marzu, 2002, fil-kawża **Camel Brand Co Ltd. v. Michael Debono**, huwa li l-piż tal-prova li min jikkontratta għamel hekk f'isem ħaddieħor tinkombi fuq min jagħmel tali allegazzjoni. Infatti f' dik is-sentenza ntqal:

"*Illi din il-Qorti temmen li meta negozju jkun gestit minn soċjeta` b'responsabilita` limitata, u għaldaqstant minn persuna ġuridika indipendenti, huwa l-obbligu tagħha li tindika dan fl-aktar mod ċar u inekwivoku lit-terzi li jkunu qegħdin jinnegozjaw magħha. Tali indikazzjoni għandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, etc. relatati ma' akkwisti magħmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz għandu kull dritt jipprezumi li qiegħed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor.*"

F'dan is-sens ukoll hija s-sentenza tal-Prim'Awla Qorti Ċivili tal-14 ta' Novembru 1966 fil-kawża fl-ismijiet **Bernard Attard v. Raymond Cassar Torreggiani**, fejn kien ritenut minn din il-Qorti illi:

"*l-appellanti (konvenuti fil-kawża) kellhom jipprovaw mhux biss li n-negozju sar għas-soċjeta` ġestita mill-appellant imma wkoll illi fil-mument meta sar tali negozju s-soċjeta' attriċi kienet konsapevoli tal-fatt illi min poġġa l-ordni magħha u min magħha kien ikkonkluda n-negozju kien qiegħed f' dak il-mument jaġixxi in rappreżentanza tas-soċjeta' gestita mill-konvenut. Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-soċjeta' attriċi kellu jirrileva b'mod car u univoku illi f'dik il-kontrattazzjoni ma kienx qiegħed jidher f'ismu imma f'isem persuna oħra ben identifikata*".

Naturalment, kif ukoll ritenut, "*jispetta lil ġudikant li jiżen iċ-ċirkustanzi ta' kull każ biex jasal għal konvinċiment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti*

*kienet qed tidher in rappreżentanza ta' ħaddieħor. Ċerti każijiet huma ovvji, oħrajn mhux daqstant ovvji"* (Ara sentenza fl-ismijiet **Lawrence Formosa et nomine v. Silvio Felice**, Appell, 6 ta' Ottubru, 1999).

Din il-Qorti tagħmel referenza wkoll għal dak deċiż mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar 2018 fl-ismijiet AC Enterprises Limited vs Victor Galea u Josephine Galea fejn intqal:

*"Il-preżunzjoni hi li kulħadd jikkuntratta f'ismu proprju. Tali preżunzjoni tista' tingħeleb bi provi kuntrarji.*

*Rassenja ta' ġurisprudenza in materja tinsab fil-każ M.C.F. Company Ltd vs Charles Buhagiar et deċiż mill-Prim'Awla fil-15 ta' Ġunju 2016 (Rik 1008/14LM)-*

*"Illi f'materja tal-identità tal-persuna li tidħol f'rapport kuntrattwali ma' ħaddieħor, din il-Qorti tiġbed l-attenzjoni għal dawn il-pronunzjamenti tal-ġurisprudenza u fehmiet ta' kittieba tad-dritt ċivili u kummerċjali:*

*1) huwa prinċipju ġenerali li, f'ġieħ is-sikurezza tan-negozju ġuridiku, meta wieħed jagħmel ftehim, ikun jaf sewwa l-identità tal-persuna li tkun qiegħda tobbliga ruħha lejh, jew li jkun qiegħed jobbliga ruħu lejha (Betti, Teoria generale del negozio giuridico, 574; Roppo, Il Contratto 275; Qorti tal-Kassazzjoni Taljana 08.02.1985, n. 987, f'Giur.it., 1985, I,1,1482).*

*2) hija ħaġa minn ewl id-dinja illi bniedem jikkuntratta għalih innifsu u kull min jidħol fi ftehim ikun ġustifikat jassumi, kemm għas-serħan il-moħħ tiegħu, kemm għas-sigurtà tal-operazzjonijiet kummerċjali, li jkun qiegħed jiftiehem mal-persuna li tkun daħlet fil-ftehim miegħu u mhux ma' ħaddieħor. Hemm ukoll il-prinċipju sagrosant li l-kuntratti jridu jsiru in bona fede u ħadd m'għandu jkun sorpriż b'allegazzjoni fiergħa li minflok ma' Kaju, huwa jkun ikkuntratta ma' Sempronju.*

*3) biex persuna li tidħol f'kuntratt torbot lil ħaddieħor li tkun qiegħda tirrappreżenta, din trid tagħmilha ċara mal-parti l-oħra li qed taġixxi f'isem ħaddieħor, u turi lill-parti l-oħra, b'mod ċar l-identità tagħha; dak li l-Taljani jsejħulha spendita del nome, jew il-contemplatio domini (Vincenzo Roppo, Trattato del Contratto, 2006, Vol I, Formazione, paġna 761). Il-mandat irid jintwera jew espressament inkella għall-inqas b'mod li l-parti l-oħra tkun raġonevolment taf li tkun qed tikkuntratta ma' persuna li tkun qiegħda tidher għal ħaddieħor (Frank Cilia noe. vs. Charles Scicluna (Cit Nru 1337/90/JDC), deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fis-27 ta' April 1992; Philip Galea Souchet vs. Michael Falla, Appell Kummerċjali, 4 ta' Mejju, 1973; Frank Cilia noe vs. Charles Scicluna deċiża fis-27 ta' April, 1992, Qorti tal-Kummerċ, (Vol LXXVI.iv.673); Avukat Dottor Keith Bonnici noe vs. Mark Grima deċiża fit-30 ta' April, 1992 ,Vol. LXXVI iv 677). Fl-assenza ta' turija espliċita, huwa neċessarju u fl-istess ħin biżżejjed "un comportamento del rappresentante che, per univocità e concludenzia, sia idoneo a portare a conoscenza dell'altro contraente di diligenzia media" (Qorti tal-Kassazzjoni Taljana, 20.10.2003, n. 15691, Mass. For. It. 2003)- hekk imsejħa contemplatio domini per facta concludentia.*

*"In conseguenza la rappresentanza può essere dedotta – oltre che da una dichiarazione espressa – da ogni altro elemento da cui risulti in modo inequivoco che l'attività del soggetto si svolga in attuazione di un potererappresentativo a lui conferito" (Qorti tal-Kassazzjoni*

*Taljana 10.12.1996, n. 10989, Mass For. It., 1996. Ara wkoll Roppo, op.cit., paġna 766).*

*Jissokta jiġi preċiżat illi l-presunzjoni affermata fis-sentenza appena aċċennata kienet però waħda juris tantum u allura tammetti l-prova kuntrarja. Prova din li kienet tispetta lil persuna li kien qed jidher f'isem u għan-nom ta' persuna oħra. "Dan mhux biss kellu jipprova li hu kien qiegħed jaġixxi bħala mandatarju ta' ħaddieħor imma wkoll kellu jipprova illi tali fatt kien ġie a konoxxenza tal-persuna li magħha jkun qiegħed jikkuntratta" - Lawrence Formosa nomine et nomine vs. Silvio Felice, Appell, 6 ta' Ottubru, 1999.*

*"Mhux biżżejjed allura li l-appellanti jistrieħ fuq is-sempliċi dikjarazzjoni tiegħu illi hu qatt ma innegozja mas-soċjetà attrici f'ismu personali. Hu ħtieġlu li manifestament jipprova dan l-istess assunt tiegħu" (Borg Cold Stores vs. Pickard Mario – QA (PS) 19.10.2005).*

*Fil-każ ta' persuna li tkun qed tippretendi li tidher għal kumpannija, ingħad hekk: "Illi din il-Qorti temmen li meta negozju jkun ġestit minn soċjetà b'responsabilità limitata, u għaldaqstant minn persuna ġuridika indipendenti, huwa l-obbligu tagħha li tindika dan fl-aktar mod ċar u inekwivoku lit-terzi li jkunu qegħdin jinnegozjaw magħha. Tali indikazzjoni għandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, ecc relatati ma' akkwisti magħmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz għandu kull dritt jippreżumi li qiegħed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod ieħor. Kien għalhekk jinkombi fuq il-konvenut (omissis) li jġib il-prova li s-soċjetà attriċi kienet ġiet mgħarrfa li n-negozju kien qiegħed jiġi ġestit minn soċjetà kummerċjali, skont hu s-soċjetà M.A.*

*Illi dan il-prinċipju ġie kostantament applikat mill-Qrati tagħna. Hekk, fil-kawża fl-ismijiet Charles O'Flaherty noe. vs. Joseph Micallef (Ċit. Nru885/85/JDC), deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fl-24 ta' Ġunju, 1987, fejn il-fatti kienu simili għal dawk in eżami, ingħad:*

*"Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut hu obbligat personalment għall-ħlas, peress li ma jirriżultax li fiż-żmien meta kien isir in-negozju inkwistjoni huwa indika lis-socjetà attriċi li l-ħlas ma kellux isir minnu iżda minn soċjetà kummerċjali" (Camel Brand Co. Ltd. vs. Michael Debono 21.03.2002, Prim'Awla, per Imħallef R.C. Pace).*

*4) l-ispendita del nome trid issir sal-mument meta l-ftehim ikun ġie ffinalizzat (Lawrence Formosa nomine et nomine vs. Silvio Felice, Appell, 6 ta' Ottubru 1999). "Għar-rigward tal-portata tal-vinkolu kontrattwali, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-3 ta' Diċembru, 1999 mogħtija fil-kawża Vella vs. Vella noe. Skont din is-sentenza, il-mument determinanti huwa meta tiġi kontrattata l-obbligazzjoni. Huwa dak il-mument fejn min jikkontratta għandu l-obbligu li jiddikjara b'mod ċar u univoku illi f'dik il-kontrattazzjoni mhux qiegħed jidher f'ismu imma f'isem persuna oħra (fiżika jew morali) li trid tkun ben identifikata. Huwa fl-obbligu li jassikura li dan il-fatt ikun ġie sewwa a konoxxenza tal-parti l-oħra f'dak il-mument għaliex altrimenti jkun qiegħed jassumi personalment ir-responsabilità għan-negozju minnu kontrattat u għall-obbligi*

*naxxenti minn dak in-negozju." (Golden Harvest Mfg. Co. Ltd. vs. John Muscat 17.09.2012, Prim'Awla, per Imhallef J. Zammit McKeon).*

*"Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-soċjetà attriċi kellu jirrileva b'mod ċar u univoku illi f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qiegħed jidher f'ismu imma f'isem persuna oħra ben identifikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun ġie sewwa a konnoxxenza tas-soċjetà attriċi f'dak il-mument għaliex altrimenti jkun qiegħed jassumi personalment ir-responsabbilità għan-negozju minnu kontrattat u għall-obbligi li kien jimporta (John Vella noe v. Anthony Vella et, Qorti tal-Appell, 3 ta' Diċembru, 1999)." (Legend Real Estate Ltd vs. Ron Chetcuti, il-Qorti tal-Appell).*

*5) meta persuna tallega li aġixxiet f'isem ħaddieħor, il-piż tal-prova jaqa' fuqha: "Ladarba rriżulta li l-ordni saret mill-konvenut sta għall-istess konvenut li jipprova li meta għamel l-ordni ma għamilhiex f'ismu personalment iżda għamilha għal xi ħaddieħor. Jekk din il-prova ma ssirx għas-sodisfazzjon tal-Qorti jsegwi li l-konvenut ikun tenut responsabbli personalment għall-konsegwenzi kollha li jiskaturixxu mill-istess ordni li għamel." (Charles Mizzi et noe vs Teddie (sive Edward) Borg, Qorti tal-Kummerċ deċiża fl-10 ta' Mejju 1990). Kif kien osservat fis-sentenzi tal-Qorti tal-Kummerċ Cilia noe vs. Scicluna (K/FGC) tas-27 ta' April, 1992 (LXXVI.IV.673) u Bonnici noe vs. Grima (K/JDC) tat-30 ta' April, 1992 (LXXVI.IV.677) u tal-Qorti tal-Appell Caruana et vs. Magro et tas-6 ta' Ottubru, 1999, hija ħaġa minn ewl id-dinja li normalment bniedem jikkontratta għalih innifsu, sakemm ma jindikax li qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor, jew jekk dan ma jindikax espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolment jaf illi jkun qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor. Għalhekk fil-każ tal-lum, jinkombi fuq il-konvenuti l-oneru tal-prova tal-ewwel u tat-tieni eċċezzjonijiet u ċioè il-prova li l-kreditu pretiż minn Golden Harvest m'huwiex dovut minnhom personalment iżda mill-kumpannija Dolceria Italiana Limited, li tagħha jirriżulta li l-konvenuti huma l-azzjonisti u li tagħha jirriżulta li kienu t-tnejn diretturi fid-data tal-presentata tar-rikors ġuramentat (Golden Harvest Mfg. Co. Ltd. Vs John Muscat, 17.09.2012, Prim' Awla, per Imhallef J Zammit McKeon).*

*6) Il-provi f'dan ir-rigward għandhom jintiżnu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubju l-mandat ma jistax jiġi preżunt, anzi għandu jigi eskluż (Troplong mandato no. 50) ċitata fil-kollezzjoni Vol XLII.ii.203… "Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ottubru, 1999 fil-kawża Formosa et noe vs. Felice tat direzzjoni preċiża fis-sens illi sostniet li kien jispetta lill-ġudikant li jiżen iċ-ċirkostanzi ta' kull każ biex jasal għall-konvinċiment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rappresentanza ta' ħaddieħor. Ċerti każijiet huma ovvji, oħrajn mhumiex daqstant ovvji. Fejn hemm dubju però wieħed għandu jippresumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet qed tagħmel hekk f'isimha proprju."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, irid jiġi eżaminat mill-provi prodotti jekk Robert Tabone u George Sciberras kinux qegħdin jaġixxu f'isimhom personali eżerċitanti l-kummerċ taħt l-isem Casa Mia, jew inkella jekk Casa Mia kenitx qiegħhda tiġi rappreżentata mill-kumpannija GHR Imports Company Limited C 50589.

L-attur isejjes il-kawża minnu intavolata fuq il-premessa prinċipali illi huwa ikkuntratta direttament mal-konvenuti, u li l-flus reklamati huma dovuti bħala bilanċ ta' prezz ta' mobbli mibjugħa u kkonsenjati lill-intimati, bħala eżerċitanti

l-kummerċ taħt l-isem Casa Mia. Mar-rikors ġuramentat ġie preżentat prospett anness Dok TB (fol 5 et seq) datat 18 ta' Novembru 2023 intestat fis-sewgenti mod:

*Casa Mia*

*Robert Tabone 32574M*

*George Sciberras 7052G*

*59, St Ursula Str*

*Victoria*

*Rabat (Gozo)*

*Malta*

Daparti tagħhom, il-konvenuti sostnew li dan il-prospett huwa differenti minn statements preċedenti maħruġa minn Tatara Bathrooms liema statements u invoices preċedenti qatt ma kien hemm indikat fihom isem l-intimati personalment. In vista ta' dan, il-konvenuti sostnew li dan kollu juri kemm l-attur kien konxju illi effettivament ma kienx qiegħed jikkuntratta magħhom personalment, però ried jiżvija lil din il-Qorti billi ppreżenta prospett li jagħmel enfasi fuq il-konvenuti personalment. Biex jiġbdu l-attenzjoni ta' din il-Qorti għad-differenzi li hemm bejn il-prospett ippreżentat mill-attur, u dawk li huma kienu solitament jirċievu, huma ppreżentaw dokumenti fil-pussess tagħhom li kienu intestati b'dan il-mod:

*Casa Mia*

*Borg Olivier Street Rabat (Gozo)*

*Malta*

*VAT Registration No: 20072933.*

Dwar din l-eċċezzjoni preliminari, fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu, l-attur jargumenta illi l-konvenuti:

- Qatt ma qalu lir-rikorrenti bl-eżistenza tas-soċjetà GHR Imports la fit-trattattivi inizjali, u lanqas tul in-negozju ta' bejniethom, iżda dejjem tkellmu fuq l-intrapriża u l-ħanut bl-isem Casa Mia.
- It-trattattivi u n-negozju sussegwenti dejjem saru mal-intrapriża Casa Mia, u għalkemm huwa konċess li seta' ntuża email li kien fih il-kliem GHR Imports, l-intestatura ta' kull dokument trasmess mill-intimati dejjem kellu l-intestatura Casa Mia.
- Qatt ma kkontestaw kull fattura jew dokument li kienet tintbagħatilhom mir-rikorrenti taħt l-intestatura Casa Mia.
- Ir-rikorrenti qatt ma seta' u/jew kellu jiddubita li hu qed jittratta ma' intrapriża bl-isem Casa Mia li warajha hemm biss l-intimati odjerni.

Daparti tagħhom, l-intimati straħu fuq id-dokumenti eżebiti minnhom u fuq ix-xhieda mogħtija minn Robert Tabone li ssottometta bil-ġurament tiegħu li l-attur kien konxju li ma kienx qed jinnegoza mal-intimati f'isimhom personali peress li:

*"Kull fattura hi indirizzata biss lil Casamia (m'hemmx la ismi u lanqas isem George Sciberras), bl-indirizz tal-ħanut inkluż u bin-numru tal-VAT tal-kumpannija GHR Imports Company Limited. Kull fattura u kull statement li ntbgħatet saħansitra sa Ottubru 2023 u ċioe' sa xahar qabel ma bdew dawn il-proċeduri. Huwa għalhekk li nsostni li meta ġie preżentat l-istatement b'ismi u b'isem George Sciberras kemm fl-atti tal-mandat u anke fil-kawża, dana sar mill-attur totalment in mala fede u biss sabiex jitfa' pressjoni fuqi u fuq il-familji tagħna li intortament qegħdin ibatu mill-azzjonijiet li saru personalment kontra tiegħi u kontra l-istess George Sciberras."*

L-istess xhud Roberto Tabone fl-affidavit tiegħu jkompli jissottometti illi l-attur kien konxju, jew messu kien konxju illi qed jikkuntratta mal-kumpanija GHR Imports Company Limited, u li l-pagamenti li kien qiegħed jirċievi on accounts għall-merkanzija mibjugħa lil Casa Mia kienu qed jinħarġu mill-kumpanija GHR Imports Company Limited:

*"iċ-ċekkijiet li bihom kienu jitħallsu Tatara kienu kollha kemm huma jġorru l-isem ta' min kien qed jagħmel tali ħlasijiet, ossia GHR Imports Company Limited. Finalment u dan biex jinkixef ulterjorment kemm hi bla bażi l-akkuża tal-attur jisħaq li ma kellux ħjiel tar-relazzjoni bejn Casamia u GHR Imports Company Limited, infakkar li kull korrispondenza b'email li saret ma u minn Tatara, inkluż kull fatturi u statement mibgħut minnhom, sar permezz ta' emajl li l-indirizz tiegħu hu ghrimports@gmail.com (Dok D juri l-indirizz tal-emajl li fuqu Tatara kienu jibgħatu l-istatements tagħhom).*

*Tajjeb li ngħid ukoll li r-relazzjoni bejn il-kumpannija GHR Imports Company Limited permezz tal-ħanut Casamia u Tatara bdiet fl-2016. Bejn il-partijiet għaddew mijiet ta' ċekkijiet u tħallsu mijiet ta' eluf ta' Euro".*

L-intimati ressqu provi oħra biex jissostanzjaw din l-allegazzjoni tagħhom billi ressqu lil John Camilleri, bħala rappreżentant ta' Lombard Bank Malta p.l.c. li ppreżenta kopja taċ-ċekkijiet maħruġa minn GHR Imports Co Limited favur Tatara Bathrooms, u dana bil-għan li juru li l-pagamenti kienu dejjem isiru minn Tatara Bathrooms. Mill-banda l-oħra, ma tressqux provi daparti tal-attur fis-sens li huwa xi darba rċieva xi pagament permezz ta' ċekk personali ta' Roberto Tabone, jew ta' George Sciberras biex jikkorrabora l-fatt allegat minnu li huwa kien qiegħed jikkuntratta mal-konvenuti personalment. Ressqu wkoll prova li l-kumpanija GHR Imports Company Limited kienet ġiet kostitwita qabel ma beda dan in-negozju ta' Casamia, u dan bil-għan speċifiku li Casamia tkun operata minn GHR Imports Company Limited.

Meta l-Qorti tqis l-atti proċesswali kollha, jirriżulta li huwa inkontestat illi l-attur kien taħt l-impressjoni (korretta) li kien qiegħed jikkuntratta mal-intrapriża bit-trade name Casa Mia. Tant illi l-istatements u d-delivery notes dejjem ħarġu fuq Casa Mia. Allegatament, l-attur kien taħt l-impressjoni illi l-intrapriża Casa Mia kienet rappreżentata miż-żewġ konvenuti Robert Tabone

u George Sciberras personalment. Daparti tagħhom, il-konvenuti jargumentaw illi t-trade name Casa Mia kienet effettivament rappreżentata mill-kumpannija GHR Imports Company Limited, u li l-attur kien, jew messu kien konxju minn dan il-fatt. Prova tal-informazzjoni li kellu l-attur f'dan ir-rigward kienu l-pagamenti li kien jirċievi l-attur mingħand il-kumpanija għall-merkanzija mibjugħa lil Casa Mia; l-email address li bih kienu jikkorrispondu l-konvenuti u impjegati ta' Casa Mia mal-istess Tatara Bathrooms, u l-fatt illi l-VAT registration number li hemm imniżżel fuq kull delivery note u statement ieħor huwa tal-istess kumpanija.

Il-Qorti tħoss li minn dawn il-fatti kollha, huwa inverosimili li l-attur ma kienx konsapevoli li n-negozju kien qed isir ma' GHR Imports Company Limited. Dana meta kull ċekk imħallas lilha ġie maħruġ minn din il-kumpanija. Inoltre, skont l-istatements u l-invoices eżebiti, l-ebda wieħed minn tali dokumenti ma jsejjaħ lill-konvenuti personalment. Għalkemm l-invoices konsistentament ħarġu fuq it-trade name tan-negozju Casa Mia, kemm mill-email address tan-negozju kif ukoll mill-pagamenti kollha mħallsa min-negozju CasaMia riċevuti mill-attur, kien jirrizulta b' mod mill-aktar evidenti li l-attur kien qiegħed jinnegozja ma' kumpanija, u mhux mal-intimati personalment eżerċitanti l-kummerċ taħt trade name Casa Mia.

Sinjifikanti illi l-attur innifsu tefa' suspett fuqu nnifsu meta ppreżenta statement differenti minn dak li kien jintbagħat regolarment lil Casa Mia, biex jenfasizza r-rwol personali tal-konvenuti fin-negozju. Imkien ħlief f'dan l-istatement, ma ġie indikat isem il-konvenuti, u dan jikkontradixxi bl-aktar mod qawwi l-impressjoni li jrid jagħti l-attur li hu dejjem ikkuntratta mal-konvenuti, u jaf lilhom personalment.

Barra minn hekk, huwa sinjifikattiv ħafna għal din il-Qorti l-fatt li meta nfetaħ il-kont ta' Casamia mill-attur, kien intalab il-VAT number. Infatti, mix-xhieda rriżulta li mingħajr tali VAT number ma kienx ikun possibbli li jinbeda n-negozju bejn Tatara Bathrooms u Casa Mia. Dan il-VAT Number irriżulta mill-provi li kien reġistrat fuq GHR Imports Company Limited. Hija ħaġa loġika li dan in-numru ġie vverifikat li huwa validu qabel ma ġie miftuħ dan il-kont, u għalhekk, ma jistax ikun li r-rikorrenti ma setax ikun konsapevoli li n-negozju qed isir ma' GHR Imports Company Limited. Il-Qorti tqis ukoll anke l-kontenut tal-emails li ġew eżebiti minn Robert Tabone fl-aħħar udjenza, fejn xehed in riezami, li minnhom jirriżulta li anke kif jidher minn dawn l-emails, dejjem kien jidher li GHR Imports kienet qed tibgħat l-emails.

Għaldaqstant jirriżulta manifestament li l-konvenuti ma għandhom ebda relazzjoni ġuridika mal-attur, u mhumiex l-leġittimi kontradituri. Il-Qorti sejra għalhekk tilqa' l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti fis-sens illi l-intimati ma għandhom ebda relazzjoni ġuridika mal-attur.

**DECIDE**

**Għar-raġunijiet hawn fuq esposti, din l-Onorabbli Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawża billi tilqa' t-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet tal-intimati, tiddikjara li l-intimati ma għandhom ebda relazzjoni ġuridika mal-attur, u mhumiex leġittimi kontradittur f'din il-kawża bil-konsegwenza li entrambi l-intimati qed jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.**

**Spejjeż ta' din il-kawża għandhom jiġu sopportati mill-attur.**

Moqrija.

**(ft) Dr Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**